**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Marzu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Muhammed Saif**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Muhammed Saif ta' 24 sena iben missier u omm mhux maghrufa mwieled nhar l-1 ta' Jannar 1995 gewwa Punjab, Pakistan, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal-Safi u detentur tan-numru tal-Pulizija 19N-023

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Ottubru 2019 bejn l-ghaxra ta' filghodu(10:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli fuq propjeta, liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt euro (2,500 euro) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallhiex jew fixkel waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indahal fi dmirhom, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor jkun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgha' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li huma s-segwenti:

1. Saret protesta minn numru ta' immigranti detenuti fic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal-Safi sabiex jinghataw il-liberta fil-bitha tal-istess Centru. F'dan ic-Centru hemm ftit iktar minn 300 mitt detenut.
2. Ghalkemm din il-protesta bdiet b'mod pacifiku, eventwalment zviluppat f'wahda vjolenti, u l-protestanti ikkagunaw danni fl-istess Centru ta' Detenzjoni. Fil-bidu tal-protesta kien hemm madwar 100 immigrant jipprotestaw, izda bil-mod il-mod dawn zdiedu ghal madwar 200 immigrant.
3. L-imputat odjern huwa akkuzat li nghaqad flimkien ma' izjed minn ghaxar detenuti ohrajn bil-hsieb li jikkagunaw danni fic-Centru.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Ghalkemm f'dawn il-proceduri xehdu diversi xhieda okulari, partikolarment ufficjali fic-Centru ta' Detenzjoni, l-unika xhud li gharaf lill-imputat bhala wiehed mid-detenuti li ha sehem fil-protesta vjolenta kien ix-xhud Luke Cricchiola, li hu Ufficcjal tad-Detenzjoni. Dan ix-xhud qal hekk fuq l-imputat: *"Dak beda jkisser gewwa, beda jkisser gewwa, u jkisser barra fil-bitha wkoll."*[1]

Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat cahad li ha parti b'xi mod f'din il-protesta vjolenta, u xehed li hu qatta' l-gurnata rieqed fil-kamra tieghu, u hareg fil-bitha biss wara nofs-in-nhar, meta l-forzi tal-ordni ordnawlu biex johrog fil-bitha, sabiex setghu jaghmlu tfittxija gewwa l-compound.

Ghalhekk, ir-rizoluzzjoni tal-kaz odjern tirrivolvi ruhha dwar il-kredibilita ta' dawn iz-zewg xhieda, tenut kont li l-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-imputazzjonijiet lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Mill-provi jirrizulta li f'din il-protesta kien hemm involuti minn mija sa mitejn detenut, u din il-protesta damet sejra cirka erba' sa hames sieghat. Kien hemm detenuti li bdew jippruvaw jisgassaw il-*fence* tac-Centru, u ohrajn li bdew ikissru s-soddod u affarijiet ohra, u jgarawhom lejn l-Ufficjali tad-Detenzjoni. Id-detenuti bdew igaraw ukoll kontenituri bil-kafe u mishun lejn dawn l-Ufficjali.

[1] Ara fol. 77.

F'dawn il-proceduri xehdu sitt ufficjali tad-Detenzjoni li kienu prezenti, u ovvjament li l-iktar jafu lid-detenuti, ghax jahdmu fic-Centru, u xehed ukoll is-Supretendent Josric Mifsud. Il-proceduri odjerni instemghu flimkien mal-proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Idris Muhammed Lugman et** (Kumpilazzjoni 649/19) fejn hemm ghoxrin detunut iehor mixlija bl-istess imputazzjonijiet li bihom hu mixli l-imputat fil-proceduri odjerni, dwar l-istess incident.

Apparti x-xhud Luke Cricchiola, ix-xhieda l-ohra identifikaw minn wiehed sa erba' jew hames imputati li rawhom jaghmlu xi haga illegali matul il-protesta, ghalkemm mhux kollha identifikaw lill-istess imputati. Ix-xhud Cricchiola identifika prattikament lill-imputati kollha li rahom jiehdu sehem fil-protesta vjolenti.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mhux verosimili li fi protesta vjolenti li damet numru ta' sieghat u li fiha kienu involuti, ghall-inqas ghal certu hin madwar mitejn detenut, persuna jirnexxielha tidentifika prattikament lil wiehed u ghoxrin (21) imputat kollha li hadu sehem fil-protesta, minkejja l-konfuzjoni u t-tensjoni li ovvjament kien hemm.

Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, u f'dan l-istat tal-provi, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, ma jistghax ma jkollhiex dubbju ragonevoli li l-imputat odjern seta' ma kienx wiehed minn dawk li ha sehem fil-protesta vjolenti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**